TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 178/15-F

Christabelle u Terence Sciberras
Vs
Kevin Sciberras – Digital Eye.

Illum,       ta' Frar, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-25 ta' Settembru, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u mitt Ewro (€1,100) rappreżentanti ħlas ta' ġbid ta' ritratti li kellu jieħu qabel it-tieġ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta intimata.

**Ikkunsidra s-segwenti:**

l-intimat kellu jagħmel photo-shoot tal-pre-wedding photos u dan kellu jsir il-Ħamis ġewwa il-Birgu. L-intimat informa lir-rikorrenti li photo-shoot dakinhar ma kenitx se ssir għax kien hemm ir-riħ. Ir-rikorrenti daħal fi spejjeż għal dik il-ġurnata konsistenti fil-kiri ta' karozza u anke make-up waqt li kien hemm ukoll xi flus lura tad-depożitu. L-intimat ikkonsidra li huwa fotografu professjonali u sabiex ix-xogħol isir tajjeb ma setax jieħu ritratti tal-pre-wedding shoot fil-ġurnata 18 ta' Ġunju meta kien ir-riħ għax ma kienux joħorġu tajbin u offra illi photo-shoot isir ġurnata oħra. It-Tribunal jinnota wkoll illi nġieb ir-rapport tat-temp għal dik il-ġurnata fejn kien deher illi ir-riħ kien bejn force 5 u force 4 iġifieri moderate breeze. It-Tribunal mhux se jidħol fil-professjonalita o meno tal-intimat biex jekk ħass illi ma kenitx se tkun shoot professjonali minħabba ir-riħ li seta kellu raġun bħala kien ġustifikat illi jikkanċellaha pero jirriżulta wkoll li id-diżappunt tar-rikorrenti li ippreparaw għal dik il-ġurnata. It-Tribunal iħoss pero illi sar il-ħlas u ix-xogħol ma sarx hi x'inhi ir-raġuna allura għandhom dritt li jieħdu il-flus lura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi li l-intimat jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Ewro (€1,100) bl-ispejjes ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA    TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888